ACTIVE CITIZENSHIP NETWORK

# Patients' rights have no borders

Meta tfittex kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor tal-UE



MT

Din l-informazzjoni hi inizjattiva taċ-Ċittadinanza Attiva (ACN) bħala parti mill-kampanja ta' informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea “Id-drittijiet tal-pazjenti m'għandhomx fruntieri”. L-għan hu biex tgħin fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/24/EU dwar il-Kura tas-Saħħa transkonfinali f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea (UE). Dan il-fuljett jiġbor fih materjal li kien diġà prodott mill-Kummissjoni Ewropea iżda fih iktar informazzjoni utli bħad-dettalji tal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali (National Contact Point) u organizzazzjonijiet ta' ċittadini u pazjenti li jinsabu fil-pajjiż, informazzjoni għal persuni milquta minn mard rari, eċċ.

Il-Kampanja ġġib flimkien kollaboraturi mal-ACN minn 14-il pajjiż:

**Austria:** Lower Austrian Patient and Nursing Advocacy / NÖ Patienten- und Pflegeanwaltschaft
**Bulgaria:** Patients' Organisation „With You“ / Пациентски организации „Заедно с теб“
**Cyprus:** Cyprus Alliance for Rare Disorders / Παγκύπρια Συμμαχία Σπάνιων Παθήσεων
**France:** Inter-association on Health / Collectif Interassociatif Sur la Santé
**Germany:** Civic Initiative on Health / Bürger Initiative Gesundheit e.V.
**Hungary:** Hungarian Federation of People with Rare and Congenital Diseases / Ritka és Veleszületett Rendellenességgel élők Országos Szövetsége
**Ireland:** Irish Patients' Association
**Italy:** Active Citizenship Network / Cittadinanzattiva Onlus-Tribunale per i Diritti del Malato
**Lithuania:** Council Of Representatives Of Patients' Organizations Of Lithuania / Lietuvos Pacientų Organizacijų Atstovų Taryba
**Malta:** Malta Health Network
**Poland:** Institute for Patients' Rights & Health Education / Instytut Praw Pacjenta i Edukacji Zdrowotnej
**Slovakia:** Society of Consumer Protection / Spoločnosť Ochrany Spotrebiteľov
**Spain:** Platform of Patient Organisations / Plataforma de Organizaciones de Pacientes
**The Netherlands:** EPECS-European Patients Empowerment for Customised Solutions

Texts by Active Citizenship Network (Mariano Votta & Sonia Belfiore)
Translation: Malta Health Network
Designed by: Lorenzo Blasina
Publisher: Cittadinanzattiva Onlus

This publication reflects the views only of the author, and the European Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.



## Daħla

Fis-sena 2002, Active Citizenship Network (Ċittadinanza Attiva) flimkien ma' grupp ta' organizzazzjonijiet ta' ċittadini Ewropej fasslu l-Karta Ewropea tad-Drittijiet tal-Pazjent. Din tiġbor flimkien 14-il dritt: dritt għal miżuri preventivi, dritt għall-aċċess, dritt għall-informazzjoni, dritt ta' kunsens, dritt għall-għażla ħielsa, dritt għall-privatezza u kunfidenzjalità, dritt li jiġi rispettat il-ħin tal-pazjent, dritt għall-prattika li tilħaq livelli għolja ta' kwalità, dritt għas-sigurtà, dritt għal kura innovattiva (ġdida), dritt li jiġu evitati wġigħ u tbatija bla bżonn, dritt għal kura personalizzata, dritt li jilmenta u dritt għall-kumpens.

Id-Direttiva 2011/24/EU tal-UE, dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjent fil-kura transkonfinali rrikonoxxiet b'mod uffiċjali 'd-dritt għall-għażla ħielsa' u 'd-dritt għall-informazzjoni' li huma nklużi fil-Karta Ewropea tad-Drittijiet tal-Pazjent.

## Int x'taf?

Din il-gwida hi biex tgħinek titgħallem iżjed dwar id-drittijiet tiegħek fil-kura transkonfinali b'informazzjoni dwar il-Punt Ta' Kuntatt Nazzjonali (National Contact Point) u assoċjazzjonijiet tal-pazjenti li jistgħu jgħinuk f'pajjiżek.

Fuq livell Ewropew, 17% taċ-ċittadini Ewropej jafu dwar id-drittijiet tagħhom fil-kura transkonfinali, 34% tal-Maltin biss jafu dwar dawn id-drittijiet.

Fl-Ewropa 10% biss taċ-ċittadini Ewropej jafu dwar l-eżistenza tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, f'Malta 24% tal-Maltin biss jafu dwar il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali.[1]



[1] *“EU Commission report on the operation of Directive 2011/24/EU on the application of patients' rights in cross-border healthcare (4th September 2015)”.*

## Kont taf li...[2]

Int għandek id-dritt li tingħata kura medika fi Stat Membru ieħor tal-UE u d-dritt li pajjiżek ikopri l-ispejjeż kollha jew xi wħud minnhom? Int għandek id-dritt li tkun mgħarraf bl-għażliet ta' trattament disponibbli għalik, kif pajjiżi oħra tal-UE jiżguraw il-kwalità u s-sigurtà fil-kura tas-saħħa, u jekk entità tas-saħħa partikolari hijiex legalment intitolata li toffri s-servizzi?

### Ikollok id-dritt li l-ispiża tat-trattament tiġi koperta

- Jekk int intitolat għal trattament partikolari f'pajjiżek, allura għandek dritt li tiġbor flusek lura meta tirċivih f'pajjiż ieħor.
- L-ammont ta' ħlas lura li tingħata jkun ekwivalenti għall-ispiża ta' dak it-trattament f'pajjiżek.
- Tista' tagħżel l-entità li toffri s-servizz tas-saħħa li tkun tixtieq, kemm pubblika kif ukoll privata.
- Għal xi trattamenti (ċertu servizzi li jkollok bżonn tiddaħħal ġo sptar għalihom jew servizzi speċjalizzati ħafna) jista' jkun li jkollok bżonn tikseb awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet tas-saħħa tiegħek qabel ma tirċievi trattament barra minn pajjiżek
- Jekk inti tistenna għal tul ta' żmien - li medikament mhux ġustifikat għat-trattament f'pajjiżek - għandek tingħata awtorizzazzjoni. F'dan il-każ, għandu mnejn tkun intitolat għal livell ogħla ta' kumpens tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa tiegħek.



2. *"Tiftix ta' kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor tal-UE: id-drittijiet tiegħek", ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea*

### Għandek interess?

Il-liġi tal-UE tirrikjedi li l-kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa, l-awtoritajiet tas-saħħa u l-entitajiet li joffru s-servizz tal-kura tas-saħħa jgħinuk tagħmel użu minn dawn id-drittijiet fil-prattika. Hawnhekk għandek issib kif:

### F'pajjiżek

*Pajjiżek hu responsabbli mill-aspetti finanzjarji tal-kura tas-saħħa transkonfinali tiegħek (meta għandek dritt li jkollok l-ispejjeż tiegħek koperti). Dan għandu wkoll jipprovdi appoġġ mediku xieraq qabel u wara li titlaq.*

Pajjiżek se jkun stabbilixxa mill-inqas punt ta' kuntatt wieħed fejn tkun tista' tirċievi aktar dettalji dwar id-drittijiet tiegħek, inkluż liema servizzi tal-kura tas-saħħa int intitolat għalihom. Il-Punt ta' kuntatt jista' wkoll jgħidlek jekk għandekx bżonn tapplika għall-awtorizzazzjoni qabel tirċievi trattament u kif tista' tappella jekk taħseb li drittijiet tiegħek ma ġewx rispettati.

Is-sistema tas-saħħa ta' pajjiżek għandha tagħtik kopja tar-rekords tas-saħħa tiegħek biex teħodhom miegħek barra minn pajjiżek. Ladarba tirċievi t-trattament tiegħek, din trid tkompli tipprovdi kura tiegħek kif neċessarja wara t-trattament daqslikieku ġejt ittrattat f'pajjiżek.

### Fil-pajjiż fejn se tirċievi t-trattament

*Jekk se tiġi tirċievi trattament mediku f'pajjiż ieħor tal-UE, int għandek l-istess drittijiet bħal ċittadin ta' dak il-pajjiż, u t-trattament tiegħek ikun soġġett għall-istess regoli u standards.*

Il-pajjiż fejn se tirċievi trattament ukoll se jkun stabbilixxa punti ta' kuntatt biex jipprovdi informazzjoni dwar is-sistemi ta' kwalità u sigurtà ta' dak il-pajjiż u kif l-entità li tipprovdi s-servizz tal-kura tas-saħħa huma mħarsa u regolati. Dawn il-punti ta' kuntatt jistgħu jikkonfermaw li l-entità li tipprovdi s-servizz tal-kura tas-saħħa li int għażilt tista' tipprovdi dak is-servizz partikolari. Dawn jistgħu wkoll jispjegaw id-drittijiet li għandhom il-pazjenti fil-pajjiż fejn se tirċievi l-kura.

**! Biex tkun taf iktar dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-pajjiż fejn se tirċievi kura tista' tagħmel kuntatt mal-organizzazzjoni involuta f'din il-Kampanja Ewropea. Biex tfittex informazzjoni u għajnuna żur: http://bit.ly/1NJfnZT**

L-entità li tipprovdi s-servizz tal-kura tas-saħħa li int għażilt, trid tinfurmak dwar id-diversi għażliet ta' trattament disponibbli għalik. Għandha tgħidlek dwar il-kwalità u s-sigurtà tal-kura tas-saħħa li tipprovdi (inkluż l-awtorizzazzjoni tiegħu jew l-istatus ta' reġistrazzjoni u l-arranġamenti ta' assigurazzjoni u responsabbiltà). Dan irid jipprovdilek informazzjoni ċara dwar il-prezzijiet biex int tkun taf minn qabel x'se jkunu l-ispejjeż. Fl-aħħar nett dan se jagħtik kopja tar-rekord tat-trattament tiegħek biex tkun tista' tgħaddiha lil min isegwi l-kura tiegħek f'pajjiżek.

## Qabel titlaq ħu ħsieb

Iċċekkja l-pjani tat-trattament tiegħek mal-professjonisti tas-saħħa tiegħek:
• Hu rrakkomandat li inti tiddiskuti t-trattament ippjanat tiegħek mat-tabib tiegħek qabel ma tintrabat b'xi arranġamenti.

Ippjana l-vjaġġ tiegħek sew:
• Irriċerka l-għażliet tat-trattament tiegħek.
• Aċċerta ruħek li għandek kopja tar-rekords tas-saħħa tiegħek, informazzjoni dwar mediċini li qed tieħu u riżultati tat-testijiet relevanti.
• Iċċekkja jekk hux se jkollok bżonn riferiment mingħand tabib kuranti tiegħek biex ikollok aċċess (jew tiġi rimborżat) għall-kura speċjalizzata.
• Iċċekkja d-dettalji tal-entità li tipprovdi s-servizz tal-kura tas-saħħa tiegħek.

Iċċekkja l-implikazzjoni finanzjarja mal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali jew l-assiguratur tiegħek:
• Aċċerta ruħek li taf kemm se jkun jiswa t-trattament tiegħek u jekk l-awtoritajiet tiegħek humiex se jħallsu l-ispiża direttament, jew humiex ħa jtuk lura parti mill- ispiża jew l-ispiża kollha li int tkun ħallast.
• Iċċekkja r-rekwiżiti għal-awtorizzazzjoni ta' trattament minn qabel.
• Ftakar li xi spejjeż (il-vjaġġ 'l hemm u lura, l-akkomodazzjoni u spejjeż oħra) jafu ma jkunux koperti.
• Aċċerta ruħek li l-kura neċessarja wara t-trattament tiegħek (follow-up) titkompla skont il-bżonnijiet tiegħek.
• Agħmel arranġamenti biex tikseb kopja tar-rekords tiegħek mingħand l-entità fejn tirċievi l-kura u ara li jkollok l-irċevuti tal-ħlasijiet kollha li tkun għamilt għal kura tiegħek barra minn Malta.
• Jekk ikollok riċetta tat-tabib, aċċerta ruħek li tkun adattata għal użu minn pajjiż għall-ieħor (il-liġi tal-UE titlob ċertu kontenut minimu biex ikun żgurat li r-riċetti tal-mediċina jistgħu jkunu rikonoxxuti f'kull pajjiż).
• Agħmel arranġamenti għall-kura neċessarja wara t-trattament tiegħek mediku xieraq fis-sistema ta' pajjiżek bil-quddiem, jekk ikun hemm bżonn. Inti tista' tikseb aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett u dwar il-kura tas-saħħa ta' emerġenza jew mhux ippjanata minn: www.europa.eu/youreurope



## Qed tiġġieled marda rari?

Id-Direttiva Transkonfinali tal-UE titlob ukoll l-iżvilupp u t-twaqqif tan-Netwerks ta' Referenza Ewropea (European Reference Networks, ERN). Dawn huma ċentri li jipprovdu kura tas-saħħa speċjalizzata u ċentri ta' esperti f'oqsma partikolari ta' mard rari u jaqsmu t-tagħrif u jidentifikaw l-aħjar post għall-kura meta din il-kura speċjalizzata ma tkunx disponibbli fil-pajjiż ta' dak il-pazjent.

Barra minnhekk in-Netwerks ta' Referenza Ewropea se jgħinu biex jipprovdu kura tas-saħħa li tkun possibbli finanzjarjament, tkun ta' kwalità għolja u ta' valur għal flusek, għal dawk il-pazjenti li jeħtieġu riżorsi speċjalizzati ta' esperti u ttejjeb l-aċċess għall-aħjar kura possibbli fl-UE għall-kundizzjoni tagħhom.

**Għal aktar informazzjoni żur:**

http://bit.ly/1sySi21

http://bit.ly/1ITQdFd



# Għandek bżonn l-għajnuna?

## Sib il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali

**Jekk għandek bżonn, toqgħodx lura milli tagħmel kuntatt mal-kuntatt tiegħek!**

**Isem:** Ministeru għas-Saħħa
**Sit elettroniku:** http://health.gov.mt/en/cbhc/Pages/Cross-Border.aspx
https://crossborderhealthcare.gov.mt
**Email:** crossborderhealth@gov.mt
**Tel:** (356) 21224071/ 22992381
**Indirizz:** Palazzo Castellania, 15, Merchants Street, Valletta, VLT 2000, Malta

## Sib l-assoċjazzjoni nazjonali tiegħek

Ikkuntattja l-**Malta Health Network,** sieħeb nazzjonali uffiċjali tac-Ċittadinanza Attiva

**Indirizz:** P.O. Box 2, Qormi Road,
Marsa MRS 1000 - Malta
**Tel:** (+356) 99873213
**Email:** info@maltahealthnetwork.org
**Sit elettroniku:** www.maltahealthnetwork.org
**Facebook:** www.facebook.com/MaltaHealthNetwork

Għal aktar informazzjoni dwar organizzazzjonijiet ta' pazjenti f'pajjiżi oħra tal-UE żur: www.activecitizenship.net



This campaign is realized thanks to the support of

NOVARTIS
ONCOLOGY

Partners

Bürger Initiative Gesundheit e.V.

Cyprus Alliance For Rare Disorders C.A.R.D

epecs European Patients Empowerment for Customised Solutions

Instytut Praw Pacjenta i Edukacji Zdrowotnej

Irish Patients' Association

leCISS Collectif Interassociatif Sur la Santé

LIETUVOS PACIENTŲ ORGANIZACIJŲ ATSTOVŲ TARYBA

MALTA HEALTH NETWORK A NETWORK OF NON GOVERNMENTAL & NOT FOR PROFIT ORGANISATIONS

NÖ Patienten- und Pflegeanwaltschaft PPA

ПАЦИЕНТСКИ ОРГАНИЗАЦИИ Заедно с теб

PLATAFORMA DE ORGANIZACIONES DE PACIENTES

Rivos2®

S.O.S. SPOLOČNOSŤ OCHRANY SPOTREBITEĽOV

tribunale per i diritti del malato di CITTADINANZATTIVA

The campaign is coordinated by Active Citizenship Network (ACN), the European Interface of the Italian civic organisation Cittadinanzattiva, within the framework of the X edition of the European Patients' Rights Day.

ACTIVE CITIZENSHIP NETWORK

CITTADINANZATTIVA


REPRESENTATIVE OFFICE TO THE EU
Rue Philippe Le Bon, 46 - 1000 Brussels - Belgium
Mob. +39 3408465097
brussels@activecitizenship.net
www.activecitizenship.net

HEADQUARTERS
Via Cereate, 6 - 00183 Rome - Italy
Tel. +39 (0)6 367181 Fax +39 (0)6 36718333
mail@activecitizenship.net
www.cittadinanzattiva.it